**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 29 ta' Novembru 2023**

**Rik. Gur. Nru.:29/2020 JPG**

**Kawza Nru.: 23**

**JAC**

**Vs**

**U b'digriet tal-11 ta' Novembru 2020 gew nominati Dr Noel Bartolo u PL Gillian Muscat bhala Kuraturi Deputati nominati sabiex jirraprezentaw lil AA u li l-indirizz tieghu mhuwiex maghruf u b'digriet tal-15 ta' Gunju 2021, giet nominata Dr Fransina Abela in sostituzzjoni ta' Dr Noel Bartolo.**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' JAC datat 6 ta' Frar 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti u l-intimat AA zzewgu nhar id-19 ta' Frar 2010 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg Att numru X (anness u mmarkat bhala Dok A);*

2. *Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet giet reza impossibbli minhabba ragunijiet li huma unikament imputabbli lill-intimat, fosthom minhabba adulterju, abbandun, sevizzi, ingurji u agir abbuziv;*

3. *Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma sehhitx u ghaldaqstant ir-rikorrenti giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet datat is-6 ta' Dicembru 2020 (ara digriet anness u mmarkat Dok B)*

*Ghaldaqstant, jghid l-intimat ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi A ghal ragunijiet imputabbli lill-intimat;*

2. *Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat ddekada mid-dritt tieghu ghal manteniment;*

3. *Ixxolji l-kommunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet, inkluzi djun ezistenti fil-konfront tal-istess u tillikwida u taqsam komunjoni f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat, mhux necessarjament ugwali bin-nomina ta' periti nominandi jekk ikun il-kaz;*

4. *Tapplika kontra l-intimat s-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 et seq tal-Kodici Civili;*

5. *Tillikwida l-assi parafernali tar-rikorrenti u tassenja l-istess assi lir-rikkorrenti;*

6. *Tillikwida l-kreditu dovut favur ir-rikorrenti u tordna lill-intimat sabiex ihallas tali kreditu hekk likwidat fi zmien perentorju li tistabilixxi dina l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt minn issa in subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Kuratur Deputat Dr Noel Bartolo datata 25 ta' Jannar 2021, a fol 39 tal-process, li taqra hekk:

1. *Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li*

*jippresentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilelhom jikkomunikaw mal-intimat minnhom rapprezentat u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista' ghandha dwar kull mezz ta' kommunikazzjoni mal-intimat.*

2. *It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

3. *Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.*

**Ikkonsidrat:**

***L-attrici permezz ta' dikjarazzjoni guramentata (vide fol 45 et seq)*** ddikjarat illi r-residenza fejn hija tirrisjedi u cioe il-Flat 2 Block 15 Triq l-Inginieri Valetta, hija proprjeta' parafernali taghha u li llum ilha de facto separata minn ma zewgha mis- 7 ta' Frar 2015.

***JC, hu l-attrici, xehed nhar il-5 ta' Lulju 2023 (vide fol 63 et seq)*** u spjega illi lill-intimat kien jafu qabel ma beda r-relazzjoni tieghu ma' ohtu. Jixhed illi ohtu ma kienitx tghidlu bil-problemi li kien hemm fiz-zwieg biex ma jinqala inkwiet. Illi pero' maz-zmien kien sar jaf illi kien hemm problemi ta' finanzi u filfatt hu anke kien sellef lill-intimat l-ammont ta' EUR 5300 li baqghu ma gewx ritornati. Izid illi dawn il-flus kien sellifhomlu biex ihallas xi kontijiet tad-dawl u ilma, u sabiex jixtri l-karozza. Izid ukoll illi kien tah xi flus biex xtara *washing machine* u *tumble dryer*. Muri l-iskrittura Dok BB1, fol 62, ix-xhud jikkonferma illi din l-iskrittura kienet fir-rigward il-flus li sellfu ghar-rigward hlas ta' kont tad-dawl. Ix-xhud jikkonferma ukoll illi ormai ohtu u l-intimat ilhom snin ma jghixu flimkien.

***Charmaine Psaila Ragi in rapprezentanza ta' APS Bank xehdet nhar id- 9 ta' Dicembru 2021, (vide fol 75 et seq)*** u spjegat illi l-intimat ma kellu l-ebda kontijiet mal-bank.

***Lorraine Attard in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc xehdet nhar id- 9 ta' Dicembru 2021 (vide fol 77 et seq)*** u spjegat illi ma nstabu l-ebda kontijiet f'isem l-intimat.

***Raymond Formosa in rapprezentanza ta' Lombard Bank Malta plc, xehed nhar id- 9 ta' Dicembru 2021, (vide fol 79 et seq)*** u spjega illi l-intimat ma kellu l-ebda relazzjoni bankarja mal-bank.

***Reuben Bonnici in rapprezentanza tal-ARMS xehed nhar l-4 ta' April 2022 (vide fol 129 et seq)*** u spjega illi m'hemm l-ebda kontijiet fuq isem l-intimat, filwaqt li hemm tliet kontijiet fuq isem l-attrici, tnejn fir-rigward ta' zewg propjetajiet l-Belt, u iehor f'Birkirkara. Ix-xhud prezenta d-dokumentazzjoni relattiva ghat-tliet propjetajiet.

***Johanna Bartolo in rapprezentanza tal-BOV plc xehdet nhar l-4 ta' April 2022 (vide fol 131 et seq)*** u spjegat illi f'isem l-intimat instab kont wiehed, savings account li nfetah f' April tas-sena 2010 u inghalaq f' Awwissu tas-sena 2021.

***Dr Christopher Spiteri in rapprezentanza ta' Transport Malta xehed nhar l- 4 ta' April 2022 (Vide fol 133 et seq)*** u spjega illi l-intimat kellu zewg vetturi fil-passat li kienu registrati fuq ismu u li fil-prezent m'hemm l-ebda vetturi registrati fuq ismu.

***Rowena Azzopardi in rapprezentanza ta' BNF Bank xehdet nhar l-4 ta' April 2022 (vide fol 135)*** u spjegat illi ma rrizultax li l-intimat qatt kien klijent tal-bank.

***Anthony Bonnici in rapprezentanza ta' GO Plc xehed nhar is- 17 ta' Ottubru 2022 (vide fol 166 et seq)*** u spjega illi ma rrizulta li hemm l-ebda djun pendenti mas-socjeta.

***Maria Claire Tabone in rapprezentanza ta' Melita xehdet nahr is- 17 ta' Ottubru 2022 (vide fol 166 et seq)*** u spjegat illi m'hemm l-ebda kontijiet u bilanci pendenti f'isem l-intimat.

***Charmaine Zammit in rapprezentanza ta' Epic xehdet nhar is-17ta' Ottubru 2022 (vide fol 167)*** spjegat illi l-intimat kellu bilanc ta' EUR 752.83 liema debitu gie meqjus bhala *a bad debt*. Il-kont kien attiv bejn is-sena 2017 u 2019, u gie *written off* fis-26 ta' April 2019 mill-*credit control.*

***Louis Buhagiar in rapprezentanza ta'Jobs Plus xehed nhar is- 17 ta' Ottubru 2022 (vide fol 167)*** u esebixxa l-*employment history* tal-intimat.

***Dr Alexia Aquilina xehdet nhar id- 9 ta' Novembru 2022,*** u esebiet dokumentazzjoni relattiva ghall-proceduri gudizzjarji li jinvolvu lill-intimat. Xehdet illi kien hemm zewg ittri ta' medjazzjoni ghall-separazzjoni personali, wahda fis-sena 2017 u l-ohra fis-sena 2019, u rrizultat citazzjoni quddiem il-Prim Awla li giet deciza fis-sena 2012 fl-ismijiet MP vs AA. Illi

minn dini s-sentenza kien hemm appell li ukoll gie deciz.

***Saviour Theuma in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, xehed nhar id-9 ta' Novembru 2022*** u esebixxa dokumentazzjoni relattiva ghall-pagamenti li saru mid-dipartiment lill-intimat. Ix-xhud spjega illi l-ahhar pagament sar fis-sena 2015, u li minn dakinhar 'l hawn ma saru l-ebda pagamenti ulterjuri.

***Ri-prodott nhar l-10 ta' Jannar 2023,*** ix-xhud spjega illi kienu saru zewg *over payments* da parti tad-dipartiment, li ghadhom pendenti. Ghalkemm kien hemm xi *over payments* li kienu thallsu, u fadal zewg *over payments* li ghadhom pendenti u dovuti lid-Dipartiment.

***Oswald Balzan, in rapprezentanza ta' Mount Carmel Hospital, xehed nhar it- 30 ta' Marzu 2023, (vide fol 185 et seq)*** esebixxa l-*file* mediku tal-intimat.

***L-attrici viva voce nhar l-14 ta' Gunju 2023 (vie fol 234 et seq)*** spjegat illi hi kienet iltaqghet mal-intimat gewwa *coffee-shop* tas-Sliema u huma imbaghad zzewgu fis-sena 2010, wara circa disa' (9) xhur li kienu ilhom jafu lil xulxin. Tikkonferma illi qabel zzewgu huma kienu jghixu flimkien. L-attrici xehdet illi hi ma kienitx tahdem, filwaqt li l-intimat kellu *odd jobs*, u jien jahdem xoghol ta' tikhil. L-attrici tirrileva illi gieli hadem bil-ktieb tax-xoghol. Illi l-attrici rrilevat illi eventwalment hi indunat li z-zwieg taghhom kien wiehed ta' konvenjenza ghaliex hekk kif zzewwgu beda jghidilha illi jrid li jikseb ic-cittadinanza u kien anke offrielha xi tmien (8) telef ewro biex tiffirmalu. Illi imbaghad wara biss sentejn u nofs miz-zwieg, beda anke johorg ma' nisa ohra u kien hemmhekk li hija bdiet tirrita ruhha. Tispjega illi kien hu stess li infurmaha li qieghed johorg ma' mara ohra li ghandha BMW. L-attrici tishaq illi hi ma felhitx toqghod ghal dan kollu u minn hemm iddecidiet li z-zwieg taghhom kien spicca. Illi maz-zmien l-intimat beda jheddidha u meta hi kienet qieghda tirrifjuta li jkolha rapporti intimi mieghu, l-intimat kien mar jghix ma' din il-mara li kien semmilha, u garr l-affarijiet personali tieghu u telaq mid-dar definitivament.

Tixhed illi tul iz-zwieg kienet iltaqghet ma' omm l-intimat, li kienet giet darba biss, u kienet qaghdet f' lukanda. Tikkonferma illi huma zzewgu bir-rit Musulman gewwa l- Moskea, bic-civil. L-attrici tirrileva illi wara li telaq, hi baqghet tircievi l-korrispondenza tieghu, u ghalkemm kienet tipprova tara fejn kien qieghed jirrisjedi wara li telaq mid-dar, qatt ma kellha skopriet l-indirizz tieghu.

Izid illi darba minnhom ghamlet kuntatt maghha haddiema socjali, fejn kienet qaltilha li xtaqet tiltaqgha maghha. Illi din il-haddiema socjali kienet provat li tirrikonciljahom, u kien propju minghand din il-haddiema socjali li hija saret taf li l-intimat kien qieghed Mount Carmel. L-attrici kienet giet infurmata illi l-intimat kien ilhu l'fuq sena Mount Carmel u li kien qieghed ibati minn skizzofrenija.

***Louis Buhagiar in rapprezentanza tal-Jobs Plus ri-prodott nhar it-18 ta' Ottubru 2023,*** esebixxa l-*employment history* tal-attrici u dik tal-intimat.

***L-Ispettur Christian Abela, stazzjonat l-Immigration, xehed nhar it-18 ta' Ottubru 2023,*** u spjega illi fir-rigward tat-*travel movements* tal-intimat, irrizulta illi fis-17 ta' Jannar 2023, telaq minn Malta bi *flight PVT* lejn il-Libya.

***Oswald Balzan, in rapprezentanza ta' Mount Carmel Hospital Data Protection Officer and Records, ri-prodott nhar it-18 ta' Ottubru 2023,*** xehed illi l-intimat dahal Mount Carmel fit-18 ta' Novembru 2021, b'dana illi fit-3 ta' Marzu 2022, harab mill-isptar, u ghamel gimgha mahrub. Illi l-intimat kien instab fl-10 ta' Marzu tas-sena 2022 u kien ingab lura Mount Carmel minn PS 408 u Pc 421. Illi fis-17 ta' Jannar tas-sena 2023, gie mwassal lura l-Libya bi skortat ta' *staff nurse*. Jikkonferma illi l-arrangamenti rigward it-titjira saru mill-Isptar stess, u jikkonferma illi l-ewwel darba li dahal Mount Carmel, l-intimat dahal involontarjament.

In ***kontro-ezami,*** ix-xhud jishaq illi mill-memorja jidhirlu illi kien l-intimat li ghamel talba li huwa xtaq li jmur lura l-Libya.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrenti, li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat. Illi fir-rikors promotur l-attrici tindika illi l-intimat huwa unikament hati ghat-tifrik tz-zwieg taghhom minhabba eccessi, theddid, offizi gravi, adulterju, u abbandun.

Fir-rigward ta' eccessi intqal illi dawn huma:

***"tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni Rik.nru: 265/2018 JPG 10 misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge". Baudry Lacantinerie jghallem illi "Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima."***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal stratagemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili".***

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala:

***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."3 Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione". 4 Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment,***

***iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o 1 Fadda, Giurisprudenza, Art.150, para. 214. 2 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. 3 Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius, Qorti tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dic cembru 1951. 4 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. Rik.nru: 265/2018 JPG 11 l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."***

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

***"Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:

***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet AB vs CB deciza fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-

flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

L-adulterju wkoll huwa motiv ghas-separazzjoni fil-Ligi Maltija u fil-fatt, il-Kodici Civili f'artikolu 38 jistipula:

***Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".***

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jaghti prova taghha. F'dan l-istadju il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna** fejn ġie dikjarat li:

***"L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l- kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali. Huwa ormai pacificu fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika". (Vide ukoll Rita Spiteri vs Avukat Dr Albert V Grech et noe)***

Inghad illi peress li din il-kawzali hija wahda mill-aktar gravi, il-Qrati taghna taw interpretazzjoni pjuttost ristretta sabiex jigi pruvat.

L-abbandun huwa motiv ghas-separazzjoni fil-Ligi Maltija u fil-fatt, l-artiklu 41 tal-Kodici Civili jistipula s-segwenti:

***Kull wahda mill-partijiet mizzewga tista' wkoll titlob il-firda jekk ghal sentjen jew izjed, tkun abbandunata mill-ohra, minghajr raguni tajba.***

Kemm mid-dicitura tal-artikolu u wkoll minn gurisprudenza kostanti taghna jirrizulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bhal din tirnexxi huma tnejn, u cjoe' l-abbandun idum ghal sentejn jew izjed, filwaqt li l-abbandun isehh minghajr raguni tajba. Fil-*kawza* ***Andrea Avellino vs. Regina Avellino***[1], insibu definizzjoni cara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal:

[1] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar is- 16 ta' Dicembru 1949.

***Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall- ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriccuz u mhux gustifikat minn xi motiv ragjonevoli.***

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe**,[2] fejn il-Qorti sostniet illi:

***Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet izzewgu fid-19 ta' Frar 2010 u dana kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg a fol 5 tal-atti. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx ulied. Illi din il-Qorti rat ukoll illi kif jirrizulta mid-dokument a fol 57 et seq, il-partijiet izzewgu bir-rit Musulmann u kisbu ukoll divorzju bl-istess rit, nhar l- 4 ta' Lulju 2015. Jidher illi l-partijiet iltaqghu f'cafeteria f' Tas-Sliema u wara circa disa' xhur ta' gherusija huma zzewghu. Illi mix-xhieda tal-attrici jidher illi l-partijiet kienu ghexu flimkien qabel iz-zwieg. Illi mit-testimonjanza tal-attrici jidher illi z-zwieg tal-partijiet dam biss hames snin, u dana meta l-intimat qabad u telaq mid-dar matrimonjali. L-attrici xehdet illi wara li huwa telaq mid-dar matrimonjali, l-intimat qatt ma rega ghamel kuntatt maghha.

Illi tul il-mori tal-proceduri jirrizulta Dr Fransina Abela, Kuratur ghall-intimat assenti stqarret illi minkejja tenattivi sabiex isir kuntatt mal-intimat dan kien kollux ghalxejn. Illi ghalhekk din

[2] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-22 ta' Frar 1961.

il-Qorti hija kostretta tistrieh unikament fuq il-provi prodotti mill-attrici.

***Htija Ghat-Tifkrik taz-Zwieg***

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet, ghal ragunijiet unikament imputabbli lil intimat. Din il-Qorti tosserva illi fil-maggiorparti taghhom il-provi prodotti jirrigwardaw il-kontenut tal-komunjoni tal-akkwisti u ghajr ix-xhieda fil-qosor tal-attrici u dik ta' huha, ma gewx esebiti wisq provi ohra rigward il-htija ghat-tifrik taz-zwieg. Din il-Qorti rat illi fir-rikors guramentat taghha l-attrici ticcita eccessi, theddid, offizi gravi, adulterju, u abbandun bhala rgaunijiet ghat-tifrik taz-zwieg taghha minn mal-intimat.

Illi ciononostante u wara ezami akkurat tal-provi prodotti, il-Qorti tqis illi l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat. Din il-Qorti hija konvinta illi z-zwieg bejn il-partijiet kien biss wiehed ta' konvenjenza ghall-intimat, u mezz sabiex huwa jkun jista' jikseb cittadinanza Maltija. Tant hu hekk illi meta l-attrici ma kienitx ppreparata taccetta l-infedelta' tal-intimat u infurmatu bic-car illi hija ma kienitx disposta li tiffirma d-dokumentazzjoni relattiva sabiex huwa jikseb ic-cittadinanza, l-intimat qabad u telaq mid-dar matrimonjali, u mar jirrisjedi ma' mara ohra. Illi kif iddikjarat mill-attrici viva voce, minn dakinhar l'hemm hija qatt ma regghet semghet minghandu. Illi filfatt kif jirrizulta mir-*records* medici tal-intimat, jidher illi l-intimat irritorna lura l-Libya.

Illi ghalkemm din il-Qorti semghet lill-attrici tixhed viva voce, illi wara sentejn u nofs miz-zwieg taghhom, l-intimat kien diga kkommetta infedelta fil-konfront taghha, ma tqisx illi l-attrici rnexxilha tipprova illi l-intimat ikkommetta adulterju sal-grad li tezigi l-ligi. Lanqas ma gew esebiti provi konkreti dwar it-theddid, u l-eccessi citati mill-attrici bhala ragunijiet ghat-tifrik taz-zwieg. Illi pero' din il-Qorti ma tarax ghalfejn ghandha tiddibuta mill-fatt illi l-intimat qatt ma ha z-zwieg tieghu mal-attrici b'wisq serjeta u huwa palezi illi qatt ma assuma r-responsabbiltajiet ta' ragel mizzewweg.' Illi mid-dokumentazzjoni in atti, jidher illi l-intimat kien jiddejjen ma' hu l-attrici sabiex huwa jkun jista jakkwista vettura, biex jixtri washing machine u tumble dryer u biex ihallas il-kontijiet tad-dawl.

Illi mill-*employment history* tal-istess intimat jidher illi effettivament wara z-zwieg tieghu mal-attrici kien ghamel zmien fejn ma kienx qieghed jahdem u cioe bejn is-sena 2010 u 2012. Illi

jirrizulta ukoll illi fil-2021, l-intimat kellu problemi ta' sahha mentali u kien gie rekoverat l-isptar Mount Carmel.

Illi ghalhekk u fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti rrizulta b'mod ampju illi l-intimat mhux biss abanduna lill-attrici minghajr raguni valida, izda ftit li xejn kien ikkontribwixxa finanzjarjament fiz-zwieg. Illi dan kollu jindika bic-car ksur tad-doveri tal-intimat bhala ragel mizzeweg. Fid-dawl tal-premess, u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet maghmula, din il-Qort tqis li ma hemm l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htigijiet imputabbli lill-intimat.

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 51 tal-Kodici Civili:

> "***Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu."***

Is-separazzjoni personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, skond id-dispozzijonijiet tal-Kodici Civili, iġibu magħhom, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taz-zwieġ ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Fil-każ odjern, din il-Qorti hija tal-fehma li l-intimat huwa ħati ta' abbandun u għaldaqstant il-Qorti m'għandha l-ebda diskrezzjoni għajr li tilqa' t-talba tal-attrici f'dan ir-rigward u tapplika fil-konfront tiegħu s-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

***Komunjoni tal-Akkwisti:***

In vista ta' dana kollu, il-Qorti tordna ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, u tordna id-divizjoni tal-istess kif ser jigi spjegat aktar 'l quddiem.

***Id-Dar Matrimonjali:***

Illi mid-dokumentazzjoni esebita fl-atti u cioe il-kuntratt tal-akkwist a fol 46 et seq, datat 12 ta' Lulju 1993, fl-atti tan-Nutar Dr Charles Vella Zarb, jirrizulta illi l-flat internament immarkat numru 2, formanti parti mill-blokka numru 15 fi Triq Sappers Street Valletta, **hija propjeta parafernali tal-attrici**. Illi ghalhekk din il-propjeta tappartjeni lill-attrici u qed tigi assenjata lill-attrici.

***Vetturi:***

Illi kif jirrizulta mix-xhieda tar-rapprezentat ta' Transport Malta, filwaqt li l-intimat kellu zewg vetturi li kienu registrati fuq ismu fil-passat, u cioe, l-vettura tal-marka Honda Accord bin-numru ta' registrazzjoni CBD 119 kienet giet *scrapped*, u kienet fil-pussess tal-intimat sal-15 ta' Mejju 2013, filwaqt li l-vettura Citroen Berlingo kienet fil-pussess tal-intimat bejn it-30 ta' Gunju 2016 sas-16 ta' Awwissu 2018. Illi fil-prezent m'hemm l-ebda vetturi li huma registrati fuq isem l-intimat. Illi siccome li ma ngabet l-ebda informazzjoni dwar vetturi registrati f'isem l-attrici, il-Qorti tordna illi fl-eventwalita' li l-attrici ghandha xi vettura li hija registrata f'isimha, tali vettura qieghda tigi assenjata lill-istess attrici b'dana illi kwalsiasi obbligi relattivi ghal tali vettur aghandhom ikunu unikament a karigu tal-attrici.

***Kontijiet bankarji:***

Mill-provi in atti jidher illi l-partijiet ma kellhom l-ebda kontijiet kongunti u ghalhekk tordna illi kull parti ghandha tigi assenjata dak il-kont jew kontijiet illi huma intestati f'isem dik il-parti.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat; u tawtorizza lill-attrici sabiex tghix separatament minn ma' zewgha u tawtorizzha taghmel l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens, intervent u/jew awtorizzazzjoni tal-konvenut nomine;**

2. **Tilqa' it-tieni talba u tiddikjara illi l-intimat ddekada mid-dritt tieghu ghal manteniment;**

3. **Tilqa' t-tielet talba u tordna u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti bis-segwenti mod;**

    i. **Rigward kontijiet bankarji, din il-Qorti tordna:**

        a. **Fir-rigward tal-kontijiet bankjari intestati fuq isem l-attrici, il-Qorti tassenja l-istess kontijiet lill-attrici, waqt li tassenja dawk il-kontijiet bankjarji intestati f'isem il-konvenut lill-konvenut.**

        b. **Illi din il-Qorti tordna illi kwalsiasi obbligazzjoni u/jew dejn illi kull wahda mill-partijiet jista' talvolta jkun assuma, dina l-obbligazzjoni u/jew dejn ghandha tkun responsabbilta' esklussiva ta' dik il-parti li jkun assumitha jew kkontrattatha.**

    ii. **Illi fir-rigward il-vetturi, din il-Qorti tordna illi fl-eventwalita illi l-attrici ghandha xi vettura li hija registrata f'isimha, din ghandha tigi assenjata lill-attrici.**

    iii. **Tordna illi d-dar matrimonjali u cioe il-fond l-flat internament immarkat numru 2, formanti parti mill-blokka numru 15 fi Triq L-Inginieri Valletta, hija propjeta parafernali tal-attrici u ghaldaqstant qed tigi assenjata esklussivament lill-attrici. Illi din il-Qorti tordna illi kwalsiasi kontijiet relatati ma' dan il-fond ghandhom ikunu a karigu esklussiv tal-attrici.**

4. **Tilqa' r-raba talba u tordna illi jigu applikati tkontra l-intimat *in toto* l-effetti tal-Artikolu 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili u tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali hekk kif mahsub fl-istess artikoli;**

5. **Tilqa' l-hames talba u tordna illi fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali dawn, ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li jkunu**

**jappartjenu, u l-Qorti tordna liz-zewg partijiet sabiex jikkonsenjaw lil l-parti l-ohra fi zmien gimghatejn kwalunkwe oggetti mobbli jew imobbli parafernali u/jew dotali li jinsabu fil-pussess taghhom lil dik il-parti.**

6. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba stante li ma gewx pprovati l-ezistenza ta' krediti dovuti mill-intimat lir-rikorrenti u dawk li gew pprovati huma dovuti lil hu l-attrici u mhux lill-attrici.**
7. **Tawtorizza lill-attrici tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku.**

**Spejjes a karigu tal-intimat izda jithallsu provizorjament mill-attrici.**

**Moqrija**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**